Il-Kummissjoni Ewropea

# L-Użu tal-
# Logo tal-
# Kummissjoni Ewropea

## Linji gwida għall-Organizzazzjonijiet Sħab

*April 2012*

*Komunikazzjoni Korporattiva*

## Introduzzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea tikkoopera ma' bosta organizzazzjonijiet esterni u dawn ta' spiss jitolbu awtorizzazzjoni sabiex jużaw il-logo tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-logo tal-Kummissjoni Ewropea huwa marka kummerċjali proprjetà tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni Ewropea ser issegwi każijiet ta' abbuż u użu qarrieqi tal-logo.

## I. Termini u kundizzjonijiet għall-użu

Il-logo tal-Kummissjoni Ewropea jista' jintuża minn partijiet terzi skont it-termini u l-kundizzjonijiet li ġejjin:

L-ebda użu tal-logo ma għandu jsir mingħajr awtorizzazzjoni bil-miktub minn qabel. L-awtorizzazzjoni tista' tingħata jekk:

- Il-logo ma jintużax b'mod li jista' jqarraq lill-pubbliku billi jagħtih x'jifhem li l-oġġetti jew is-servizzi huma pprovduti taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea,
- Il-logo ma jintużax b'rabta ma' għanijiet jew attivitajiet li huma inkompatibbli mal-għanijiet u l-prinċipji tal-Unjoni Ewropea,
- Il-logo ma jintużax b'mod li jissuġġerixxi jew jimplika ċertifikazzjoni ta' (l-għanijiet jew l-attivitajiet ta') l-organizzazzjoni esterna mill-Unjoni Ewropea.

Il-logo għandu jintuża fl-intier tiegħu mingħajr distorsjoni, modifika jew separazzjoni fl-elementi komponenti tiegħu.

Permess biex wieħed juża l-logo tal-Kummissjoni Ewropea ma jagħti l-ebda drittijiet esklussivi fuq l-użu tiegħu, u lanqas ma jfisser il-kunsens għar-reġistrazzjoni tal-logo jew imitazzjoni tiegħu bħala marka kummerċjali jew kwalunkwe dritt tal-PI ieħor.

Kull każ se jiġi eżaminat individwalment biex jiġi aċċertat jekk jissodisfax il-kriterji stabbiliti hawn fuq. Dan se jkun improbabbli f'kuntest kummerċjali jekk il-logo tal-Kummissjoni Ewropea jintuża flimkien mal-logo, l-isem jew il-marka kummerċjali tal-kumpanija stess.

## II. Talba għal permess biex jintuża l-logo tal-KE

Talba għal permess għandha titressaq lid-dipartiment tal-Kummissjoni Ewropea li l-organizzazzjoni esterna tkun f'kuntatt miegħu. Id-dipartimenti u s-servizzi kollha tal-Kummissjoni Ewropea huma awtorizzati biex jagħtu l-permess lil partijiet terzi biex jużaw il-logo tal-KE suġġett għat-termini u l-kundizzjonijiet kif deskritti hawn fuq.

Talbiet għal permess jistgħu jitressqu wkoll quddiem it-Tim tal-Identità Viżwali tal-Kummissjoni Ewropea permezz ta' email lil: **comm-visual-identity@ec.europa.eu**

# III. Tqegħid grafiku tal-logo tal-KE

Il-logo tal-Kummissjoni Ewropea għandu jkun viżibbli fl-intier tiegħu u jitqiegħed fuq sfond li ma jikkompromettix l-integrità tiegħu. Il-logo huwa inseparabbli u inalterabbli fl-elementi komponenti kollha tiegħu. Il-modifika tal-logo b'kull mod hija strettament ipprojbita. Għal raġunijiet ta' integrità u viżibilità, għandu dejjem ikun imdawwar minn spazju vojt, jew "żona ta' protezzjoni", li l-ebda element ieħor (test, immaġini, tpinġija, figura...) ma jirfsu fuqha.







It-tqegħid tal-logo fuq sfond li fih elementi grafiċi jew konsistenza grafika bħalma huma linji, ilwien, eċċ. jista jkun permess biss jekk il-viżibbiltà u l-integrità tal-logo ma jkunux kompromessi u ż-żona ta' protezzjoni tkun rispettata. Jekk l-isfond iħarbat jew jinterferixxi mal-logo, iż-żona ta' protezzjoni madwar il-logo għandha tkun bajda jew immarkata b'kulur sempliċi.

# IV. Tipi ta' użu tal-logo tal-KE mill-organizzazzjonijiet sħab

## *Cobranding*

Il-cobranding għandu jintuża għal prodotti u attivitajiet li fihom il-Kummissjoni Ewropea hija involuta bħala sieħeb ugwali. Fil-każ ta' cobranding ma' logos ta' organizzazzjonijiet esterni, kun ċert li l-logos huma kollha indaqs u bilanċjati fil-piż viżwali u li dawn jiġu allinjati ma' xulxin b'mod orizzontali. Il-logo tal-Kummissjoni għandu jitqiegħed flimkien mal-logos tal-organizzaturi l-oħrajn u għandu jkun proporzjonalment tal-istess qies tad-daqs tal-logos tal-organizzazzjonijiet l-oħrajn. L-ordni protokollata tal-logos għandha tiġi deċiża f'kull każ kif xieraq.

Eżempju ta' cobranding jidher hawn:

Il-Kummissjoni Ewropea

OECD 50

unicef

## Sign-off

Sign-offs għandhom jintużaw għal prodotti u attivitajiet li l-Kummissjoni Ewropea tappoġġa, imma li mhix involuta direttament fihom, jew meta l-Kummissjoni Ewropea hija involuta bħala sieħeb minuri. F'dan il-każ, il-logo tal-Kummissjoni għandu jidher flimkien ma' linja testwali li tispjega n-natura tal-involviment tal-Kummissjoni Ewropea.

Eżempju tipiku huwa studju jew rapport imħallas mill-Kummissjoni iżda miktub u ppubblikat minn organizzazzjoni esterna bl-użu tal-identità viżwali tiegħu stess.

Il-linja testwali u l-logo tal-KE għandhom jitqiegħdu flimkien f'post distint iżda mhux neċessarjament prominenti u lil hinn sew minn logos oħrajn.

Mhux obbligatorju li jintuża il-font “EC Square Sans Pro” għal-linja testwali biswit il-logo. L-organizzazzjonijiet sħab jista' jkun li ma jkollhomx liċenzja biex jużaw dan font li huwa disponibbli kummerċjalment bħala PF Square Sans Pro. Alternattivi suġġerti huma: Verdana, Arial, Tahoma, Calibri u Trebuchet. Dan ma jillimitax l-użu tal-logo tal-KE nnifsu, inkluż isem il-Kummissjoni muri f' “EC Square Sans Pro”.

M'hemmx lista eżawrjenti ta' linji testwali li jistgħu jidhru flimkien mal-logo tal-KE. It-test għandu jesprimi n-natura tal-involviment tal-Kummissjoni Ewropea.

Xi eżempji ta' sign-offs qed jintwerew hawnhekk:

Bl-appoġġ tal- Il-Kummissjoni Ewropea

Inizjattiva tal- Il-Kummissjoni Ewropea

Ikkofinanzjat mill- Il-Kummissjoni Ewropea

B'kollaborazzjoni mal- Il-Kummissjoni Ewropea

## Kuntatt

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar l-użu tal-logo tal-Kummissjoni Ewropea, jekk jogħġbok ikteb lil comm-visual-identity@ec.europa.eu